17 ta' Marzu, 1956

## Imħallef:

## Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Giuseppe Fenech *versus* Avukat Dr. Antonio Caruana

## Spejjeż Ġudizzjarji — Taxxa

*Sabiex l-ispejjeż ta' att jitqiesu kompriżi fil-kundanna għall-ispejjeż kontenuta f'sentenza, meta dak l-att ma jkunx wieħed mill-atti stess tal-istess kawża (f'liema każ ma jistax ikun hemm kwistjoni),*

*jew meta ma jkunx imsemmi espressament fl-att inizjali tal-ġudizzju (avviż, ċitazzjoni, jew libell) bħal meta jingħad "bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-........ (f'liema każ lanqas ma jista' jkun hemm kwistjoni), jeħtieġ, in linea ta' massima, li dak l-att ikun strettament konness mad-domanda u mad-deċiżjoni; kif ukoll jeħtieġ li ma jkunx superfluwu, u li l-meritu tiegħu jkun fondat konformement għad-domanda kif tkun ġiet sostnuta mill-Qorti b'deċiżjoni favorevoli fil-kawża li tagħha jkunu qegħdin jintalbu l-ispejjeż.*

Il-Qorti; Rat is-sentenza tagħha ta' l-4 ta' Frar, 1956, (riportata in kopja fol. 18), li biha ġiet miċħuda l-preġudizzjali ta' difett ta' ġurisdizzjoni opposta mill-konvenut; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

F'dik is-sentenza hemm miġjuba d-domanda u miġjubin ukoll l-eċċezzjonijiet;

Rat il-verbal fol.22 tal-25 ta' Frar 1956, li bih il-partijiet, wara li ttrattaw il-kawża fil-meritu, iddikjaraw li ma għandhomx aktar x'iżidu;

Ikkunsidrat;

L-attur isostni li fit-taxxa "de qua" ma għandhomx jidħlu dawn l-attijiet:— Ir-rikors tal-konvenut tat-28 ta' Lulju 1954; il-kontro-risposta tiegħu tat-3 ta' Awissu 1954; ir-rikors tal-konvenut tat-30 ta' Novembru 1954; ir-rikors tal-konvenut tas-16 ta' Diċembru 1954; l-ittra uffiċjali tiegħu tas-17 ta' Novembru 1955. Għaliex jallega li dawn l-attijiet kienu estranei għall-kawża fl-ismijiet invertiti, deċiża minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 1955;

F'din il-kawża tal-aħħar il-konvenut (allura attur) kien talab ir-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru "de quo" in bażi għal tliet motivi:—

1. Dak li din il-Qorti ma kellhiex attribuzzjoni tispedixxi l-mandat (u dan in bażi għall-art.263(2) Kod. Proċ. Ċiv.);

2. Dak li l-konvenut odjern ma kienx ġie notifikat bit-taxxa preventivament;

3. U dak li l-ispedizzjoni tal-mandat kienet nulla għat-termini tal-art. 792 (1) (b) Proċ. Ċiv.;

Din il-Qorti, bl-imsemmija sentenza tagħha, laqgħet it-talba tal-konvenut odjern (allura attur) in bażi għall-ewwel motiv — ċjoè, li din il-Qorti *ma kienetċ* kompetenti toħroġ il-mandat, għax skond l-art. 263 (2) Kap. 15, ladarba s-sentenza tal-Qorti Inferjuri kienet ġiet revokata, kienet kompetenti l-istess Qorti Inferjuri;

Issa, dan il-motiv, li fuqu nqatgħet il-kawża fuq imsemmija f'sens favorevoli għall-konvenut odjern, "ma kienx dedott", *la* fir-rikors tat-28 *ta' Lulju* 1954 (li fl-attijiet tiegħu kien hemm anki l-kontrorisposta tat-3 ta' Awissu 1954), u lanqas f'dak *tat*-30 ta' Novembru 1954; u kwantu għar-rikors *tas-16 ta' Diċembru* 1954, dan kien jikkontjeni biss materja rigwardanti l-korrezzjoni tad-data tas-sentenza;

Issa, *fuq iċ-ċitazzjoni* li fuqha ngħatat is-sentenza fuq *imsemmija*, tal-5 *ta'* Novembru 1955, l-ispejjeż ġew mitluba bil-formola ġenerika "bl-ispejjeż". Ma kien hemm ebda indikazzjoni ta' xi att ieħor speċifiku. Il-kap tal-ispejjeż kien *fis-sens* li t-talba ġiet *milqugħa*, bl-ispejjeż kollha (ħlief ta' xi rikorsi li ma jidħlux fil-kwistjoni nvoluta f'din il-kawża);

Fis- sentenza li għadha kemm tat din il-Qorti l-lum stess fil-kawża omonima (avviż nru. 955/1953), ġie stabbilit dan il-prinċipju: — "Sabiex spejjeż ta' att jitqiesu kompriżi fil-kundanna għall-ispejjeż kontenuta f'sentenza—meta dak l-att ma jkunx wieħed mill-atti stess tal-istess kawża, għax allura ma jistax ikun hemm kwistjoni, jew meta ma jkunx espressament *imsemmi* fl-att inizjali tal-ġudizzju (avviż, ċitazzjoni, jew libell), bħal meta *jingħad* "bl-ispejjeż, kompriżi, dawk tal-ittra uffiċjali tal-......", f'liema każ lanqas jista' *jkun hemm kwistjoni* — jeħtieġ, in linea ta' massima, li dak l-att *ikun* strettament konness mad-domanda u mad-deċiżjoni, kif ukoll jeħtieġ li ma jkunx superfluwu, u li l-meritu *tiegħu jkun* fondat konformement għad-domanda kif tkun ġiet *sostnuta* mill-Qorti b'deċiżjoni favorevoli fil-kawża li tagħha jkunu qegħdin jintalbu l-ispejjeż";

*Minn dan jiġi li* l-attijiet fuq imsemmija ma jistgħux jitqiesu *kompriżi* fil-kap tal-inċidenza tal-ispejjeż; għax ma humiex strettament konnessi mad-domanda konformement

għall-kawżali li fuqha ġiet mogħtija d-deċiżjoni. Dik il-kawżali ma kienetx dedotta f'dawk ir-rikorsi. Il-kontrorisposta ssegwi x-xorti tar-rikors;

Kwantu għall-ittra uffiċjali tas-17 ta' Novembru 1955, lanqas l-ispiża ta' din ma għandha tidħol fil-kap deċiż. Difatti, minnha stess jirriżulta li l-konvenut odjern kien ġa ottjena l-ispedizzjoni tal-kontromandat debitament inkluż fit-taxxa fol.6, u li tiegħu ma hix kontestata l-ispiża. Dan kien biżżejjed għal-finijiet tal-eżitu tal-kawża. Jekk mbgħad il-konvenut odjern għadda għal deduzzjonijiet ulterjuri kontra s-sekwestratarji, kif għamel fl-istess ittra uffiċjali, l-ispejjeż relattivi għandhom isegwu l-eżitu ta' dawk il-proċeduri (favorevoli jew sfavorevoli għall-konvenut nomine), imma ma għandhomx jidħlu fil-kap tal-ispejjeż deċiż relattiv għall-ispejjeż tal-kawża;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' t-talbiet; bl-ispejjeż kontra l-konvenut.